MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 532/2012

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Andrea Farrugia u l-istess Andrea Farrugia**

**vs.**

**Middlesea Insurance p.l.c.**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2012, li permezz tiegħu :

l-atturi talbu l-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' elfejn, disgħa mija u ħamsin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2950.70) rappreżentanti danni kkawżati minn inċident li seħħ fit-18 ta' Frar 2011 ġewwa Triq il-Marsa, il-Marsa għall-ħabta tat-03:00am meta l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR678 ħadet in-nar u kkawżat danni inġenti fil-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCQ 519 proprjetà tal-attur Andrea Farrugia u assigurata mis-soċjetà attriċi Fogg Insurance Agencies et noe.

Illi, s-soċjetà konvenuta qua l-assiguratur ikkonċernat hija obbligata skont il-Liġi li tindennizza lill-atturi għad-danni kollha sofferti minnhom bħala riżultat tal-ħsara kkaġunata mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR678 assigurata mal-istess soċjetà konvenuta;

Illi għalhekk, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, disgħa mija u ħamsin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2950.70) rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175), l-*excess payment*, illi l-attur Andrea Farrugia ħallas in konnessjoni ma' dan l-inċident, u in kwantu għas-somma ta' elfejn, seba' mija u ħamsa u sebgħin Ewro u sebgħin ċenteżmu (€2775.70) id-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi Fogg Insurance Agencies Limited abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive.*

Bl-ispejjeż legali mid-data tal-preżentata ta' dan l-Att sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta illi tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tas-soċjetà konvenuta** ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2012, fejn hija eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti huma infondati stante illi mhuwiex minnu illi l-intimata hija responsabbli li tindennizza lill-atturi għad-danni li ġarrbu.

2. Illi l-kaġun tan-nar li ħoloq id-danni lill-atturi, kif ukoll lill-assigurat tal-intimata stess, kien barra mill-kontroll tal-assigurat tal-intimata.

3. Illi jispetta lis-soċjetà attriċi li tressaq provi preċiżi in sostenn ta' dak li qed tallega inkluż tad-danni minnha reklamati.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-ġurisprudenza ċċitata mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom;

Ra l-verbal tal-24 ta’ Jannar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Din hija kawża li titratta nirien li ħakmu vettura tat-tip Toyota Belta bin-numru tar-reġistrazzjoni MAR678, nhar it-18 ta’ Frar 2011. Il-vettura kienet assigurata mas-soċjeta` konvenuta b’polza tat-tip comprehensive. In-nirien infirxu għal fuq vettura oħra li kienet parkeġġjata quddiemha, tat-tip Nissan Qashqai bin-numru tar-reġistrazzjoni LCQ519, u liema vettura kienet assigurata mas-soċjeta attriċi b’polza li tkopri “third party, fire and theft”.

Is-soċjeta attriċi ħallset l-ispejjeż tal-assigurat tagħha Andrea Farrugia, filwaqt illi dan ħallas excess illi ammonta għal mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€175).

Dan kollu mhuwiex kontestat, kif mhuwiex kontestat ukoll il-fatt li n-nar beda mill-vettura Toyota u nfirex għal fuq il-vettura l-oħra.

**Provi**

Il-kontestazzjoni f’din il-kawża allura tirrigwarda ir-responsabilita` o meno tas-sid tal-vettura li fuqha beda n-nar għal dan l-inċident li seħħ u sussegwentement għad-danni li ġew ikkawżati fuq iż-żewġ vetturi.

Bla dubju illi l-pern tal-provi kollha prodotti, hija x-xhieda mogħtija mill-Professur Alfred Vella, li kien ġie maħtur bħala espert forensiku mill-Maġistrat Inkwerenti Dr. Consuelo Scerri Herrera sabiex jirrelata dwar dan l-inċident. It-Tribunal għandu quddiemu wkoll ir-relazzjoni ġuramentata tal-istess Perit forensiku fl-atti tal-inkjesta fejn huwa jgħid:

> *"L-esponent ma ra xejn f'dan il-każ li kien jindika li n-nar kien ġie kkawżat minn xi aġenzija doluża.*
>
> *Fl-assenza ta' dan, wieħed jista jispekula illi n-nar fuq it-Toyota sata' ġie kkawżat aċċidentalment minn xi gwast elettriku bħal short circuit li ħaraq materjal kombustibbli preżenti fil-kompartiment tal-magna li kien qrib fejn seħħ ix-xort. ...*
>
> *Peress li ma nstabitx evidenza diretta li tikkorrobora ħsara kkawżata minn xort elettriku, l-esponent jikkonkludi illi l-kawża ta' dan in-nar, li jidher li oriġina fil-kompartiment tal-magna baqgħet ma ġietx stabbilita."*

Quddiem it-Tribunal huwa xehed:

> *"Jiena ma stajtx niddetermina l-kawża tal-ħruq... Mill-evidenza ma kienx ċar biex ikkawża n-nar u cioe ma kienx hemm indizji ċari li jindikaw favur l-aċċident u lanqas ma kien hemm indizju ċari li jindikaw favur id-dolo u ngħid li għalhekk iż-żewġ possibilitajiet baqgħu miftuħin. 'Not Determined.' ... Dak li semmejt dwar gwast ta' short circuit nispjega illi dan huwa ipotetiku u m'hemm ebda evidenza konkreta li tindika lejn dan."*

**Konsiderazzjonijiet**

Is-soċjeta` attriċi għandha l-oneru li tipprova r-responsabbilta` tal-assigurata tas-soċjeta` konvenuta għall-akkadut. Stante li hawhekk qegħdin fil-kamp ċivili, il-prova trid tinġieb fil-grad minimu ta' "probabbilta`".

Illi bix-xhieda ta' Profs. Vella kif riprodotta iktar 'il fuq, il-kawża tal-inċident baqa' għal kollox mhux determinat. Jista' jkun azzjoni doluża u cioe nar li tqabbad volontarjament, jista' jkun xort aċċidentali u cioe każ fortiwitu, u jista' jkun ukoll *short circuit* riżultat ta' negliġenza. Iżda filwaqt li t-tliet għażliet huma possibbli, m'hemm l-ebda waħda li hija possibbli iktar mill-oħra, u lanqas xi għażla minnhom li tilħaq il-grad ta' probabbilta`.

Jekk kien każ fortuwitu, ċertament illi l-assigurata tas-soċjeta` konvenuta ma taħtix u dana ai termini tal-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

Fil-każ ta' azzjoni doluża jew xort riżultanti min-negliġenza, ir-responsabilita` setgħet tinkombi lis-soċjeta` konvenuta u lill-assigurata tagħha. Iżda fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ partikolari, fejn il-kawża tan-nirien hija għal kollox ipotetika, il-ġudikant li m'għandux minimament prova ta' dak li seta' ġara, wisq inqas prova suffiċjenti, ma jistax jasal li jattribwixxi ħtija fuq l-assigurata tas-soċjeta` konvenuta sija jekk dolo, sija jekk negliġenza, u għaldaqstant ma jistax jattribwixxi r-responsabbilita ta' dak illi ġara lis-soċjeta` konvenuta.

**Deċide**

In vista tas-suespost, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talba tas-socjeta` attriċi u jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------